MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. GRIMA EDWINA

Seduta ta' l-4 ta' Novembru, 2002

Talba Numru. 1552/2002

***B.A.S. Ltd***
***vs***
***M & A Holdings Ltd***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-25 ta' Gunju 2002, fejn intalab li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn lira Maltin (Lm200) rappresentanti prezz ta' servizzi rezi lilhom fuq ordnijiet taghhom stess.

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra interpellatorja tas-27 ta' Marzu 2002 u bl-imghaxijiet legali, kontra s-socjeta' konvenuta.

Ra li s-socjeta' konvenuta debitament notifikata baqghet ma dehritx u l-anqas ma pprezentat risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta’ l-avukat Dr. Roderick Zammit Pace ghan-nom tas-socjeta’ attrici, li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ mitejn lira Maltin (Lm200), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza, komprizi dawk ta’ l-ittra interpellatorja tas-27 ta’ Marzu 2002 ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta’ konvenuta.

**Avukat Dr. Edwina Grima**
**Gudikatur**